it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

SETTEMBRU 2018 - Nru. 464

Waqt li kien qiegħed isuq fil-kampanja, Karmenu tilef il-kontroll u baqa' nieżel f'kanal tal-ilma. Għalkemm hu ma ġralu xejn, il-karozza weħlet ġot-tajn. Mexa sar-razzett li kien hemm fil-qrib biex jitlob l-għajnuna. Il-bidwi li kien joqgħod hemm qallu; 'Tibżax, issa jiġi jaqilgħek hu.' U b'sebgħu il-bidwi urieh bagħal xiħ.

Karmenu ma setax iniżżilha kif dak il-bagħal seta' qatt jiġbed il-karozza tiegħu barra mill-kanal. 'Tikkonfondi xejn,' qallu l-bidwi hekk kif rah jiddubita mill-bagħal tiegħu, 'Fillu kapaċi jagħmilha dil-biċċa xogħol.'

Marru fejn il-karozza, u l-bidwi rabat ir-riedni tal-bagħal mal-karozza, u wara li ġibed ir-riedni beda jgħajjat: 'Iġbed Ġuż! ... Iġbed Ton! ... Iġbed Ċikk! ... Iġbed Fillu!' U l-bagħal irnexxielu jiġbed il-karozza barra mill-kanal!

Karmenu baqa' mistagħġeb. Radd ħajr lill-bidwi u melles lill-bagħal. Imma qabel telaq, huwa saqsa lill-bidwi: 'Għaliex, qabel ma għajjatt l-isem ta' Fillu, sejjaħt ismijiet oħra?'

Il-bidwi wieġbu bi tbissima: 'Fillu issa xiħ u kważi għama. Meta ngħajjat l-ismijiet tal-oħrajn, hu jaħseb li qiegħed mal-grupp u għalhekk ma jiddejjaqx jiġbed!'

Li nkunu parti mill-grupp jgħinna nagħmlu kuraġġ u flimkien, meta naħdmu għal għan wieħed, inkunu kapaċi nużaw il-kapaċitajiet kollha tagħna. U flimkien saħansitra jirnexxilna nwettqu affarijiet straordinarji!



it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

*fuljett*
*ta' kull xahar*
*maħruġ*
*minn grupp*
*ta' talb*
*fost*
*Il-Ħaddiema*

**Nru. 464**
**Settembru 2018**

# Id-dgħajsa ta' ħajjitna

*Editorjal*

Ħbieb,
San Mattew jirrakkonta: 'Ġesù tela' fuq dgħajsa, u d-dixxipli marru warajh. U qamet taqliba kbira fuq il-baħar, hekk li l-mewġ beda jgħatti d-dgħajsa; iżda hu kien rieqed. Id-dixxipli resqu fuqu, qajmuh u qalulu: 'Salvana Mulej! Ser nintilfu!' U qalilhom: 'Dan il-biża' kollu għalfejn, ja nies ta'fidi ċkejkna?' Imbagħad qam, ordna lill-irjieħ u lill-baħar, u waqgħet kalma kbira. Dawk stagħġbu, u bdew jgħidu: 'Dan xi bniedem hu, biex sal-irjieħ u l-baħar jisimgħu minnu?' (Mt 8, 23-27)

Kemm drabi Ġesù  jkun jidher rieqed, qisu ma jinteressahx mill-waqtiet ibsin ta' ħajjitna! Insibu ruħna qed negħrqu fl-ilmijiet tal-problemi li jidħlu fid-dgħajsa ta' ħajjitna ... u Ġesù qisu mhux hemm!

Id-dixxipli qajmu lil Ġesù u talbuh isalvahom, bit-tweġiba tal-Mulej tkun kważi ċanfira: 'Dan il-biża' kollu għalfejn, nies ta' fidi żgħira?' Mhux forsi din hi l-problema tagħna: il-fidi żgħira tagħna?

Iva, imqar meta Ġesù jidher li hu rieqed, huwa jkun hemm. Huwa jaf kollox, anki fuq l-ilma li kultant jidħol fid-dgħajsa ta' ħajjitna. Imma neħtieġu fidi aktar kbira u soda sabiex nemmnu bis-sħiħ li hu ser jgħinna.

Mela ħbieb, minn issa 'l quddiem ejja nagħmlu biċċa xogħol: nitolbu lil Alla jkattar il-fidi fina, speċjalment f'dawk il-waqtiet li jkunu tant ibsin għalina.

# *messaġġ ta' tliet kelmiet*



Ftit ġimgħat ilu, kont qed nipprova norganizza salt karti u kotba li għal żmien twil ħallejthom jimtlew bit-trab fuq l-iskrivanija tiegħi. Waqt li kont qiegħed inqalleb, sibt ktejjeb ta' meta kont għadni l-iskola primarja. Kien mimli ħsibijiet u firem ta' sħabi, għalliema, u persuni oħra viċin tiegħi.

Jien u nqalleb il-folji ta' dan il-ktejjeb, sibt paġna li fuqha kien kitibli messaġġ iz-ziju tiegħi: *'Think! and Thank!'* Niftakar kemm kont iddiżappuntajt ruħi meta rajt li z-ziju niżżel tliet kelmiet biss. Imma waqt li qgħadt naħseb ftit, indunajt kemm kienu jagħmlu sens dawk il-kelmiet:

## Naħsbu:

Hemm ħafna affarijiet ordinarji li nistgħu ngawdu u napprezzaw, imma jiġri li spiss neħduhom *for granted*: il-familja, il-ħbieb, il-kollegi tax-xogħol, il-kotba, il-mużika, il-kumditajiet li għandna fid-djar tagħna, u tant u tant affarijiet oħra.

## Nirringrazzjaw:

Il-ħajja mgħaġġla taljenana tant li mhux dejjem nindunaw li għandna nkunu grati lejn dawn il-membri tal-familja tagħna, u lejn tant ħbieb u qraba li qed jagħmlulna ħajjitna aktar komda u aktar sabiħa.

Mela grazzi Mulej ta' dawk kollha li jinsabu madwarna!

***When you stop searching, you will find what you need.***

# *Niftakru fit-talb tagħna ...*

... fir-ruħ ta’ Gaetan Pace, li kien jaħdem fl-*Administration Division* tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

... fir-ruħ ta’ John Frendo, li jiġi missier Claudia Azzopardi Frendo, li taħdem fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ.

# Quddiem it-tentazzjoni

It-tentazzjoni hija stedina.
Bħal kull stedina oħra, tista’ taċċettaha jew tirrifjutaha.
Il-ħażin jidħol fik mhux meta jittentak, iżda meta taċċettah.

Ara ftit dawn is-suġġerimenti jgħinukx tirbaħ it-tentazzjoni:

1. Tibżax mit-tentazzjoni
2. Jekk inti dgħajjef, ammetti
3. Kun af il-punti dgħajfa tal-karattru tiegħek
4. Iżżomx ġo fik. Tkellem ma’ xi ħadd li taf li jridlek il-ġid
5. Tirraġunax mat-tentazzjoni
6. Agħmel il-kuntrarju ta’ dak li inti ttentat tagħmel
7. Ftakar li l-ferħ tal-qalb hu isbaħ mill-gost tal-mument
8. Iċċaqlaq! Jekk tibqa’ qrib it-tentazzjoni jew tberren fuqha, ser taqa’ żgur
9. Itlob lil Alla jagħtik l-għajnuna
10. Ftakar dejjem li Alla jgħin lil min jgħin ruħu.

---

*Set peace of mind as your highest goal, and organize your life around it.*

Brian Tracy

## Sorpriża sabiħa

Fil-ħarġa tal-fuljett tagħna ta' April li għadda, ġibna artiklu jismu: 'Importanti li jċapċpilna s-Surmast'.
U kellna sorpriża sabiħa, għax ħabib tagħna li jħobb jikteb poeżiji b'tema spiritwali, qara dan l-artiklu u tant fehem il-messaġġ tiegħu li kiteb poeżija u bagħathielna. Aħna apprezzajna tassew dan il-ġest tal-ħabib tagħna. Hawn hi l-poeżija, ħalli tgawduha intom ukoll!

# Is-Surmast

Iż-żagħżugħ Gordon, pjanista,
Kellu jagħti kunċert kbir
Ġo teatru popolari;
Ħassu kalm, ferħan se jtir!

Hekk kif ħareġ, bdew iċapċpu
Wara mar poġġa fil-post,
Beda jdoqq ħlewwa ta' mużika;
Ra l-udjenza tiegħu gost.

Hekk kif spiċċa l-kunċert kollu,
Fost ċapċip twil minn kulħadd,
Daħal ġewwa, u b'qalbu sewda,
Qal: 'Xi fjask; bħal dan żgur qatt!'

'X'inti tgħid Gordon, x'qed nisma!
Wara dak l-applaws hekk kbir!'
Qallu wieħed x'ħin rah jibki;
'Fuqek smajt jien biss tifħir!'

Gordon qallu: 'Kulħadd ċapċap,
Barra dak tal-ewwel post:
Is-surmast li kien jgħallimni,
ma ċapċapx, għax ma ħax gost!

Qabel bdejt indoqq kien qalli:
'Inċapċaplek jekk tmur sew.
U jekk le, ikun ifisser
Li żbaljajt Gordon tassew!''

Importanti li jċapċpilna
Il-Mulej, li jaqra l-qlub,
Metal nagħmlu r-rieda t'Alla
U dak kollu l' hu mitlub.

*Minn qalbna ngħidu PROSIT*
*lis-Sur Ġanni Camilleri, il-ħabib*
*tagħna li kiteb din il-poeżija. Grazzi.*



Before you ask God for what you want,
first thank God for what you have.

# Persuna straordinarja



Kien it-13 ta' Settembru tas-sena 1982, meta l-Prinċipessa ta' Monaco, Grace Kelly (ritratt lemin) ġarrbet mewta traġika waqt li kienet qed issuq il-karozza tagħha. Tajjeb infakkru lil dawk ta' età żgħira li Grace Kelly kienet waħda mill-aqwa artisti tal-films ta' Hollywood, u fuq kollox kienet Kattolika ferventi. Meta hi żżewġet lill-Prinċep Ranier ta' Monaco, u miegħu ffurmat familja, fiha dehru dawk il-kwalitajiet umani li qabel ftit kienu n-nies li jafu bihom. Grace Kelly kienet persuna straordinarja fil-prinċipat ta' Monaco.

Ġara iżda li, wara l-mewt tagħha, inkitbu ħafna stejjer dwarha. Kittieba bla kuxjenza li moħħhom kien biss li jbiegħu l-prodott tagħhom, azzardaw jiktbu affarijiet li bihom ikkalunjaw il-Prinċipessa mejta. Ivvintaw diskorsi u stejjer li mhux minnhom, u waslu biex ħarġu ktieb mimli kalunji jismu: 'Il-ħajja sigrieta ta' Prinċipessa'. Kien hemm xi persuni li, għall-qligħ tal-flus riedu jċappsu u jħammġu isem Grace Kelly.

Imma minkejja dan kollu, isem din l-artista baqa' maħbub u rrispettat.

Il-kalunja hi dnub li bih tħammeġ jew tneħħi l-istima jew il-ġieħ ta' persuna oħra. Il-kalunja tista' ssir bi kliem jew b'għemil. Biha tista' tkisser familja, tmarrad persuna għal għomorha, jew anki tibgħat fil-qabar persuna innoċenti. L-Eġizzjani kienu jaqtgħu ilsien min jgħid kalunja. Ir-Rumani kienu jimmarkaw b'ħadida taħraq il-moħħ ta' min jgħidha. Fuq kollox, min ixerred kalunja fuq il-proxxmu hu għadu ta' Alla.

**Rumours are carried by haters, spread by fools, and accepted by idiots.**



# Niżżel fid-djarju tiegħek

<u>Is-Sibt, 1 ta' Settembru 2018</u>

***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***

Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

<u>Il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru 2018</u>

***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**:*

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

<u>Is-Sibt, 8 ta' Settembru 2018</u>

***It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija***

Dan huwa l-jum għażiż li fih infakkru t-twelid ta' Marija. Għalhekk nifirħu magħha f'dan il-*birthday* tagħha.

## *Kemm hu ġelat?*



Robert, tifel ta' 10 snin, daħal ġo ħanut tal-kafè u qagħad bilqiegħda ħdejn mejda. Ġiet il-*waitress* u Robert saqsieha kemm hu ġelat bil-frott. '80 ċenteżmu,' wieġbet. It-tifel ħareġ ftit flus żgħar li kellu fil-but u beda jgħoddhom. 'U ġelat waħdu kemm hu?' reġa' saqsieha. '50 ċenteżmu,' wieġbet il-*waitress.* 'Mela ġibli ġelat biss jekk jogħġbok,' qalilha.

Il-*waitress* ġabet il-ġelat u poġġietu, flimkien mal-kont, fuq il-mejda. Robert ħa l-ġelat, ħallas u telaq. Meta l-*waitress* ġiet biex tnaddaf il-mejda, baqgħet skantata meta rat għaxar ċenteżmi ħdejn it-tazza - kien ħallielha t-*tips*.

Fil-limitazzjoni tiegħu, Robert wera kemm apprezza s-servizz li ngħatalu fil-ħanut.

# Drops Of Laughter

I just got a photo from a speeding camera through the mail. I sent it right back – way too expensive and really bad quality.

Husband brings the child home from kindergarten and asks his wife, "He's been crying the whole way home. Isn't he sick or something?"
"No," replies the wife, "he was just trying to tell you he isn't our Frankie!"

Two police officers crash their car into a tree. After a moment of silence, one of them says, "Wow, that's got to be the fastest we ever got to the accident site."

---

# Drops Of Wisdom

Gossip dies when it enters the ears of the wise.

Who gossips with you will gossip of you.

Talking badly about someone else while they aren't there to defend themselves says more about you than the person you're talking about.

The tongue weighs practically nothing, but so few people can hold it.

Din il-ħarġa ta' Settembru tal-fuljett It-Triq qed niddedikawha lil tant ħbieb li jgħinuna bl-offerti tagħhom. Aħna nwegħduhom it-talb tagħna u mill-ġdid nirringrazzjawhom.

***Id-Direzzjoni***

*Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.*

---

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org